**29 ta' Marzu, 1968**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maġġur Joseph Bartolo Parnis, M.B.E. noe

*versus*

Joseph Bonello

**Arrest — Eċċezzjoni — Debitu Kummerċjali.**

*Skond ġurisprudenza kostanti tagħna meta l-kreditu li minħabba fih l-attur jitlob l-arrest ikun ġie kanonizzat b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ l-eċċezzjoni li l-kreditu mhux kummerċjali mhix sollevabbli minħabba l-ostakolu tal-"non bis in idem".*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur "nomine" — wara li ppremetta illi in forza ta' tliet sentenzi mogħtija minn din il-Qorti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, ħmistax (15) ta' Mejju, u tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju, 1962, rispettivament, hu ġie kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tmienja u erbgħin lira (£48) komplessivament — sittax-il lira (£16) f'kull kawża — import ta' kambjalijiet naxxenti kollha minn żewġ skritturi, u li l-konvenut kien kommerċjant fil-mument ta' l-akkwist, u li l-konvenut għadu ma ħallasx — talab li jiġi spedit kontra l-istess konvenut mandat għall-arrest persunali tiegħu in esekuzzjoni ta' l-imsemmijin sentenzi billi huwa hu kommerċjant u d-debitu hu ta' natura kommerċjali. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta:

Illi d-debitu li hu għandu lejn id-ditta attriċi ma hux ta' natura kommerċjali u għalhekk it-talba ta' l-istess attur hi infondata u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

Semgħat lid-difensuri;

Tikkunsidra:

Illi, kif jirriżulta minn nota ta' l-eċċezzjonijiet, il-konvenut ma jinnegax il-kreditu li d-ditta attriċi tgħid li għandha kontra tiegħu għar-raġunijiet indikati fl-att ta' ċitazzjoni u mid-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut jirriżulta illi dana jammetti wkoll li kien kummerċjant fil-mument tal-kontrattazzjoni tad-debitu. Il-konvenut jagħmel oppożizzjoni għat-talba ta' l-attur biss għaliex ippretenda li d-debitu mhux ta' natura kummerċjali;

Illi, però, din l-eċċezzjoni — li d-debitu mhux kommerċjali — mhix sollevabbli, għaliex skond ġurisprudenza kostanti tat-tribunali tagħna meta l-kreditur li minħabba fih l-attur jitlob l-arrest ikun ġie kanonizzat b'sentenza ta' din il-Qorti — u l-kreditu tad-ditta attriċi, fil-każ preżenti, ġie kanonizzat b'sentenzi ta' din il-Qorti — l-eċċezzjoni li l-kreditu mhux kommerċjali m'hix sollevabbli minħabba l-ostakulu tal-"non bis in idem".

*Għaldaqstant:*

Tiddeċiedi adesivament għall-istanza, bl-ispejjeż.